MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Numru 329/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**Flavia Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Flavia Zammit imwielda Brincat ta’ 71 sena mart il-mejjet Leonard u bint il-mejtin John Charles u Josephine nee Pullicono imwielda Bormla fis-26.05.1933 u residenti 55 Triq iz-Zurrieq Birzebbugia detentur tal-karta ta’ l-Identita nru 398933(M) giet akkuzata:

Talli fit-18 ta’ Dicembru 2001 u fi zmienijiet ta’ qabel din id-data f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnha u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni whada, bhala d-detentur tal-fond 55 Triq iz-Zurrieq Birzebbugia, jew bhala persuna li kellha f’idejha l-istess fond, b’mezzi qarrieqa, ikkommettiet serq ta’ kurrent elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont u talli fl-istess zmien ghamlet hsara fil-makkinarju u gumni ta’ l-elettriku jew ikkagunat telf ta’ kurrent ta’ l-elettriku li jammonta ghall-LM250 (Mitejn u Hamsin Lira Maltin).

Wkoll talli fl-istess zmien ghamlet hsara jew kissret parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti jew apparat jew is-sigilli taghhom liema hsara tammonta ghal anqas minn LM10 (Ghaxar Liri Maltin).

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mill-ligi tordna lill-imputata thallas ghal ispejjes tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok NL3 u li jinsab a fol. 8 tal-Process u nnutat li l-imputata m’ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ispettur Jesmond J. Borg ghall-Prosekuzzjoni, fid-dawl tal-fatt li fis-Seduta tallum ix-xhud Alan Chetcuti ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta ddikjara illi l-Korporazzjoni Enemalta ma baqghalha l-ebda pendenza ma’ l-imputata Flavia Zammit u illi ghaldaqstant l-istess Korporazzjoni qeghda tirrinunzja minghajr riserva ghal passi kriminali f’dan il-kaz, u dan kif jidher mid-dokument esebit illum mill-istess xhud Alan Chetcuti u markat bhala Dok (A), talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputata Flavia Zammit kif ukoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika

sabiex il-Qorti barra li taghti l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imputata thallas ghal ispejjes tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

Il-Qorti tilqa' it-talbiet tal-Ispettur Jesmond J. Borg ghall-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputata Flavia Zammit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika sabiex il-Qorti barra li taghti l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imputata thallas ghal ispejjes tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------